KUNSILL REĠJONALI LVANT

# MINUTI

## Laqgħa tar-Reġjun Numru 46

## L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 46

Il-Ħamis 12 ta' Ġunju, 2025

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Dott. Dorian Sciberras –Sindku Iklin
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Is-Sur Noel Muscat – Sindku Swieqi
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa. Mariah Meli – Sindku Għargħur

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

Il-President talab lill-membri preżenti sabiex f'din il-laqgħa, li l-aġenda tagħha kellha tiġi pposponuta diversi drabi, sabiex jiġu diskussa, fosthom l-iskeda ta' pagamenti, u mhux qed tiġi riflessa b'mod tajjeb fuq il-Kunsill. Hu żied jgħid ukoll kif ir-Reġjun ħareġ pagamenti li huma kontrattwali, inkluż is-servizz ta' l-iskart u servizzi oħra, u jkun xieraq li l-laqgħa tibqa għaddejja sabiex dawn jiġu approvati u anke hemm xi proġetti li għandhom bżonn jiġu diskussa.

Madanakollu hu talab lill-membri sabiex jekk kien hemm xi ħaġa li xtaqu jressqu, huwa kien lest li jisma.

Dott Dorian Sciberras talab sabiex jitkellem.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni kif il-laqgħa ma kinitx qed tipproċedi ma' l-aġenda li kienet imressqa u kif lanqas nota ta' min kien preżenti għal din il-laqgħa, ma kienet għadha ġiet diskussa.

Il-President talab sabiex jiġu mressqa l-ittri t'apoloġiji

## 46.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

46.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda ittri t'apoloġiji mill-membri tar-Reġjun.

## 46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

46.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 43 li nżammet nhar it-Tnejn 14 t'April 2025, tas-seduta numru 44 li nżammet nhar it-Tnejn 19 ta' Mejju 2025, u tas-seduta numru 45 li nżammet nhar il-Ġimgħa 30 ta' Mejju 2025 kienu meħuda bħala moqrija.

46.2.2 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, ġibed l-attenzjoni kif kien hemm persuna nieqsa fl-attendenza tas-seduta numru 44.

46.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat kif is-Sur Max Zammit kien preżenti għall-laqgħa pero ma kienx imniżżel fl-attendenza.

46.2.4 Is-Sur Zammit ikkonferma dan u għalhekk ġiet meħuda din in-nota.

46.2.5 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, sekondata minn Dott. Dorian Sciberras.

46.2.6 Il-President informa li kellu komunikazzjoni x'tiġi mressqa minnu pero qabel xtaq jara jekk kienx hemm xi kummenti li xi ħadd mill-membri preżenti sabiex jiġu mressqa.

46.2.7 Dott. Sciberras talab lill-President sabiex tiġi diskussa l-mozzjoni li kienet ġiet imressqa f'laqgħat preċedenti u li kienet għadha ma ġietx diskussa waqt il-laqgħa tar-Reġjun.

46.2.8 Il-President talab sabiex il-laqgħa tiġi sospiża u tiġi diskussa l-mozzjoni li kienet qedha taħt 46.9 – Nru. Ta' Referenza – ERC01/2025 – Mozzjoni Favur id-Demokrazzija fil-Kunsill Lokali tal-Għargħur.

46.2.9 *17:05pm – Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, wasal għal din il-laqgħa.*

## 46.9 Mozzjonijiet – Nru. Ta' Referenza – ERC01/2025 – Mozzjoni Favur id-Demokazzija fil-Kunsill Lokali tal-Għargħur

46.9.1 Dott Scibberas qal kif fin-natura tagħha, il-ġrajja li kienet seħħet il-Għargħur fix-xahar preċedenti qabel din il-laqgħa kienet weġġgħathom serjament. Hu qal kif huma jħossuhom li dak li ġara l-Għargħur kien logħba fuq il-mandat elettorali li kien taha l-poplu sena ilu, propju waqt li qed jiġi ċċelebrat l-ewwel sena anniversarju. Hu qal kif huma ma jħossuhomx li l-ellettorat kellu jiġi trattat b'dan il-mod. Hu spjega kif qed jgħamel referenza għall-elettorat għaliex il-forza morali u l-forza tal-leġġitimita tal-elettorat għandha tkun primarjament ġejja mingħand in-nies. Hu qal kif jifhmu li jkun hemm diżgwiti fil-Kunsilli pero allaħares joqgħodu jilgħabu bil-logħba politiku jew qisha xi logħba ċess jew logħba oħra u jmur kontra r-rieda tal-poplu.

46.9.2 Dott Sciberras kompla jgħid kif fil-Għargħur kien hemm marġni għoli ħafna fejn il-poplu tal-Għargħur għażel l-aġenda tal-Partit Nazzjonalista sabiex tmexxi l-lokalità tiegħu. Hu qal kif hu u sħabu ma jistgħux jifhmu kif sena wara l-aġenda inbidlet mingħajr konsultazzjoni tal-poplu tal-Għargħur. Hu qal kif din ma kinitx tolqot biss lill-poplu tal-Għargħur imma tolqot ukoll bħala Reġjoni meta wieħed qed jitkellem fuq is-sistema politika ta' pajjiżna, is-sistema demokratika li hija l-bażi għalfejn huma jinsabu preżenti f'din il-laqgħa. Hu qal kif bħala Kunsilli Lokali, iħossuhom ftit li xejn qed ikunu stmati mill-Gvern Ċentrali u jridu jkunu artisitiċi biex joperaw. Hu qal kif ma jistgħux jaslu f'punt illi s-saħħa tad-deċiżjoni tal-poplu tiġi *questioned* u saħansitra ma tiswa xejn.

46.9.3 Dott Sciberras spjega kif din il-mozzjoni kienet ġiet mressqa sabiex ir-Reġjun jitkellem f'isimhom, peress li bħala Reġjun, huma Reġjun wieħed, għaliex huma jħossu li dak li ġara fil-Għargħur kien ħażin u jridu jgħamlu pressjoni biex id-deċiżjoni tmur lura għand in-nies. Hu qal kif in-nies kienu eleġġew il-Kunsilli Lokali sena ilu, u għandhom ikunu n-nies tal-Għargħur li jiddeċiedu xi jsir. Fl-istess ħin u qal kif iħossu li għandhom jirringrazzjaw lis-Sa Helen Gauci tax-xogħol tagħha bħala Sindku tal-Għargħur u kif sa llum il-ġurnata kienet għadha ma ġiet imressqa l-ebda prova ta' xi ħaġa li kienet għamlet ħażin. Hu qal kif sa llum il-ġurnata din kienet qed tidher bħal logħba sabiex wieħed jieħu l-poter taħt idejh.

46.9.4 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, fakkar ukoll fl-istqarrija li kien ippublika l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

46.9.5 Il-President, is-Sur Chircop, fakkar lill-membri kif din il-mozzjoni kienet mgħoddija flimkien ma' l-Aġenda lill-membri kollha qabel din il-laqgħa.

46.9.6 Il-Viċi President, is-Sur Max Zammit, talab sabiex din il-mozzjoni terġa tinqara waqt din il-laqgħa.

46.9.7 Il-President ma sab l-ebda oġġezzjoni sabiex din il-mozzjoni tinqara biex tkun ċara ma kulħadd għalkemm din kienet mibgħuta diversi drabi.

46.9.8 Is-Sur Zammit għamel referenza għall-istqarrija li kien semma s-Sur Selvaggi.

46.9.9 Kien hemm qbil sabiex terġa tinqara l-mozzjoni li kienet ġiet imressqa mis-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Scibberas, sekondata mis-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, mis-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido

Dalli, mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, mis-Sindku ta' Swieqi, Noel Muscat, u l-Kunsillier ta' Birkirkara, is-Sur Luke Vella.

46.9.10 Wara li din il-mozzjoni ġiet moqrija minn Dott Dorian Siberras, liema dokument qed ikun annessa ma' dawn il-minuti bħala 'Dokument A', il-President staqsa jekk kienx hemm xi ħadd mill-membri jekk xtaqx iressaq xi rimarka dwar dan.

46.9.11 Is-Sur Selvaggi xtaq jgħaddi kumment dwar dak li kien qal is-Sur Zammit. Hu qal kif l-istqarrija li hu kellu f'idejh kienet f'isem l-Assoċċjazzjoni u mhux f'isem il-President waħdu peress li fil-bidu ta' l-ittra kien hemm miktub – "Nikteb lilek f'isem l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli".

46.9.12 Il-President ġibed l-attenzjoni li din kienet inbidlet.

46.9.13 Is-Sur Selvaġġi qal kif il-ġest li kien hemm miktub f'din l-istqarrija kien simili mal-mozzjoni li kienet ġiet ippreżentata minnnhom. Hu għamel referenza għal żewġ punti li kienu msemmija f'din l-istqarrija. Hu qal kif tajjeb li dawn għandhom jiġu mifmuma minn kulħadd u jifhem ukoll x'qed jikkawża dan il-preċedent u x'jistà jikkawża fil-futur dan il-preċedent – Fejn l-elettoral jgħażel maġġoranza assoluta lill-partit, ikun liema jkun, fejn ir-rieda tal-poplu ġiet eliminata.

46.9.14 Il-president qal kif ladarba din kienet mozzjoni, ir-Reġjun għandu jgħaddi vot fuqha.

46.9.15 Is-Sur Zammit staqsa lis-Sindku tal-Għargħur, lis-Sa Mariah Meli, jekk xtaqitx tressaq il-kummenti tagħha qabel ma jressaq kumment hu u ir-Reġjun jipproċedi għat-teħid tal-vot.

46.9.16 Is-Sa Meli qalet li kienet ħadet nota tad-dokumenti kollha li kienu ġew imressqa f'din il-laqgħa u qalet kif hi kienet diġa wieġbet għalihom pubblikament u kif ma kellha xejn xi żżid ma' dak li kien intqal.

4.9.17 Is-Sur Zammit spjega kif minn-naħa tagħhom koinċidentalment fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun il-kumplament tal-membri ma setgħux ikunu preżenti u kif huma kienu bagħtu wkoll kjarifika huma kif jaħsbuha fuq dak kollu li kien ġara. F'isem sħabu hu qal kif meta huma kienu raw illi hemm mozzjoni li ġejja minn parti mir-Reġjun li hija assoċċjata mill-partit politiku, hu qal kif huma ħassu li din kellha tiġi diskussa wkoll internament bejniethom. Hu qal kif din kienet l-ewwel darba li żammew din il-laqgħa peress li meta huma jpoġġu fuq is-siġġu tar-Reġjun, huma ma jarawx partiti politiċi, ma jarawx il-kuluri tagħhom, ma jarawx il-partiti li jirrappreżentaw, imma jaraw ir-residenti fi ħdan ir-Reġjun u kif kull diskussjoni li ssir madwar din il-mejda u kull kliem li huma jatwaw isir f'isfond Reġjonali. Għalaqstant hu qal kif, sinċerament huma ma kienux kuntenti li qed jattendu għall-laqgħat, fejn iħarsu lejn kulħadd bħala ġentlom u nies li jgħamlu tant ġid fil-lokalitajiet tagħhom, umbad f'laqgħat tar-Reġjun jiġu diskussa intriċċi politiċi, għaliex dawn huma affarijiet interni tal-Għargħur. Hu qal kif hu qatt ma kien jiġi f'dawn il-laqgħat u jitkellem dwar l-intriċċi li hu jkollu fil-lokalità tiegħu. Għaldaqstant hu qal kif għal diskussjoni sana tar-Reġjun, il-membri għandhom ikomplu jiffukaw fuq bażi Reġjonali u nibqgħu naħdmu b'sentiment lill hinn mill-kuluri politiċi u dak li jiġri fil-Kunsill politiku.

4.9.18 Dott Sciberras qal kif din ma kinitx xi ħaga interna fil-Għargħur sabiex tinbidel direzzjoni fi Triq partikolari għalkemm xorta jaf tkun diskussjoni fuq livell Reġjonali jekk tkun qed taffetwa l-lokalitajiet li huma viċin, bħal anke fuq ġbir ta' l-iskart. Hu qal kif huma jħossu li huma kienu hemm mhux biex jiddefendu lis-Sa Helen Gauci bħala persuna imma kif huma kienx preżenti primarjament jiddefendu lir-residenti tal-Għargħur. Hu qal kif fid-diskussjonijiet u l-manuvri li saru, il-persuni li kienu ġew skartati kienu n-nies tal-Għargħur u kif għal din ir-raġuni huma kienu qed jitolbu li din id-deċiżjoni tittieħed mir-residenti tal-Għargħur stess. Hu qal kif hemm sitwazzjoni fejn il-poplu kien ivvota sena ilu b'mod ċar għal xi ħaġa umbad marru kontra dak li kienu ivvutaw għalieħ, hija sitwazzjoni inkredibbli meta l-poplu ivvota għal

manifest li xtaq hu. Għal din ir-raġuni hu staqsa jekk is-Sindku ġdida hux ser tkun qed tatwa l-manifest tal-partit nazzjonalista li kien ivvota għalieh il-poplu tal-Għargħur.

4.9.19 Is-Sa Meli qalet kif wara l-elezzjoni hemm numru ta' siġġijiet li jitilgħu fil-Kunsill u ma tkunx biss dak li tkun ġibt imma żżamma tagħhom. Hi qalet li kif kienet diġa tkelmet pubblikament, iż-żamma tas-siġġijiet hija prijorità, u l-mistoqsija għandha tkun x'ġara biex dan ma seħħx. Hi qalet ukoll kif meta wieħed qed jitkellem dwar il-ġid għar-residenti, kull deċiżjoni li tittieħed dejjem tittieħed għal ġid tar-residenti. Dan ifisser li wieħed irid imur lil hinn mill-partit politiku. Hi qalet kif il-ġid tar-residenti dejjem ġie mħares u b'hekk kellha tittieħed id-deċiżjoni li kienet ittieħdet.

4.9.20 Dott Sciberras qal kif, skond dak li kienet qalet is-Sa Meli, tistà titla tmexxija anti-demokratika

4.9.21 Is-Sur Noel Muscat qal kif hu ma jara l-ebda sens kif is-siġġijiet qed jirregolaw lokalità u jekk hemm nuqqas fil-liġi, din m'għandhiex tiġi atwata. Hu qal kif id-deċiżjoni dejjem għandha tkun tal-poplu u mhux tas-siġġijiet. Hu qal kif din hija farsa assoluta u lis-Sur Zammit qallu kif din id-deċiżjoni f'din il-lokalità affetwat lill-kulħadd. Hu qabel li r-Reġjun għandu jaħdem b'mod san imma san b'tali mod li tirrispetta d-demokrazzija.

4.9.22 Is-Sur Zammit qal kif hu xtaq iwieġeb lis-Sur Muscat imma qal kif din ma kienitx il-fora fejn għandha tiġi diskussa.

4.9.23 Is-Sur Muscat qal kif huma għandhom irwol li dejjem jirrappreżentaw id-demokazzija u iktar u iktar għandha tkun il-fora fejn din tiġi diskussa. Hu qal kif qatt ma tistà tiġi mmexxija lokalità b'minoranza assoluta ta' voti u hija impossibbli. Hu qal ukoll li s-Sa Meli ma kienet ressqet l-ebda provi jew semmiet xi ħaġa li kienet saret ħażina u mhux ser ikun qed jiddefendi lil ħadd u għal din ir-raġuni għandha tmur għal elezzjoni u tħalli f'idejn ir-residenti.

4.9.24 Is-Sur Zammit qal li dan għandu l-argument għandu jiġi indirizzat lill-kandidat indipendenti.

4.9.25 Is-Sur Muscat qal kif il-partit li jirrappreżenta s-Sur Zammit kien ħa vantaġġ mis-sitwazzjoni.

4.9.26 Is-Sur Selvaggi intervjena fid-diskussjoni u qal kif id-diskussjoni li kienet qed issir ma kinitx personali u kif huma jemmnu li d-demokrazzija ġiet kalpestata u kif il-poplu tal-Għargħur ivvota mod, u din mhux qed tirrappreżenta dik id-deċiżjoni.

4.9.27 Is-Sa Meli semmiet li din kienet ġrat f'lokalijiet oħra fil-passat.

4.9.28 Is-Sur Selvaggi qal kif il-passat ma kellux x'jaqsam u jekk kien hemm żball fil-passat, dan m'għandhux jerġa jirrepeti ruħu. Hu staqsa lis-Sa Meli jekk hi kelliex il-maġġoranza tan-nies tal-Għargħur.

4.9.29 Is-Sa Meli wieġbet kif il-Kunsilli jaħdmu fuq is-siġġijiet, kif kien ittieħed vot u ma kien sar xejn b'mod illegali u xejn anti-demokratiku. Hi żiedet ukoll kif hi dejjem aġġixxiet skond il-morali tagħha. Hi qalet ukoll li hi kienet preżenti għal din il-laqgħa biex tikkontribwixxi fuq livell Reġjonali u mhux biex tinżamm diskussjoni fuq il-Għargħur.

4.9.30 Il-President qal kif ir-Reġjun ma jistax ma jgħatix każ dak li kien qed jiġri f'lokalità fi ħdan ir-Reġjun, speċjalment meta jkun hemm taqliba bħal din. Hu qal kif li din ma tiġix diskussa f'din il-laqgħa sabiex tinżamm is-serenità, ma tistax issir meta lokalità nqalbet ta' taħt fuq. Hu qal kif meta kien inħareġ riżultat pervess mill-elezzjoni ġenerali, il-politiċi poġġew rashom flimkien u waslu għal soluzzjoni flimkien sabiex din ma tirrepetix ruħha. Għal din ir-raġuni hu qal kif xi ħaġa bħal din ma tistax titħalla għaddejja għax in-

numru tas-siġġijiet jikkmandaw. Żied jgħid ukoll kif problema bħal din ma kienx ser jippermetti milli ma tiġix diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun meta din kienet qed taffetwa waħda mill-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun.

4.9.31 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, reġa tenna li d-diskussjoni li kienet qed tinżamm ma kienet bl-ebda mod fuq livell personali u tenna wkoll kif in-nies tal-Għargħur huma parti minn kull minn kien qiegħed preżenti madwar il-mejda. Hu qal ukoll kif, fl-opinjoni tiegħu, permezz ta' din il-mozzjoni, ir-Reġjun qed ikun qed iġibhom *on board* meta dawn ġew imwarba.

4.9.32 Is-Sur Muscat żied jgħid kif din il-problema tistà teffetwa Reġjuni oħra u għal din ir-raġuni d-diskussjoni għandha ssir sabiex din il-problema tiġi solvuta.

4.9.33 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, staqsa lis-Sa Meli sabiex tispjega r-raġuni għalfejn hi kienet ressqet il-mozzjoni ta' sfiduċja fl-ex Sindku, is-Sa Gauci. Hu qal kif jekk ikun hemm raġuni valida, hu kien ser ikun l-ewwel wieħed li jitlob skuża pero jrid ikun hemm raġuni valida u mhux tirreferi għal kontijiet pendenti li għadhom mhux mħalsa peress li din ir-realta teżisti f'diversi Kunsilli Lokali.

4.9.34 Is-Sa Meli spjegat kif il-vot ta' sfiduċja kien ġie mressqa minn tliet persuni bil-proponet u sekondant. Hi żiedet tgħid li f'dan il-mument kienet qed tiġi diskussa l-mozzjoni li kienet ippreżentata f'din il-laqgħa u mhux dwar il-ballun politiku li ilu jissemma matul din il-laqgħa. Hi reġgħet tenniet li l-mozzjoni fil-Kunsill tal-Għargħur kienet ġiet imressqa għal ġid tar-residenti tal-Għargħur.

4.9.35 Is-Sur Chircop waqaf id-diskussjoni li tqajment f'salt bejn il-maġġoranza tal-membri preżenti u talab sabiex id-diskussjoni tieqaf u tittieħed votazzjon dwar il-mozzjoni ppreżentata.

4.9.36 Dott. Dorian Sciberras, is-Sur Anthony Dalli, is-Sur Luke Vella, is-Sur Charles Selvaggi, is-Sur Guido Dalli, is-Sur John Pillow flimkien mas-Sur Noel Muscat, ivvutaw favur il-mozzjoni. Filwaqt li s-Sur Max Zammit, is-Sur Stefano Savo, is-Sa Mariah Meli, Dott Kaylon Zammit u s-Sur Neville Chetcuti ivvutaw kontra l-mozzjoni. Għal din ir-raġuni, il-vot għaddha b'maġġoranza.

4.9.37 Is-Sur Max Zammit Zammit talab sabiex għal fini ta' trasparenza, tiġi moqrija għal darb'oħra l-ittra li kienet ġiet ippreżentata lilu fil-laqgħa preċedenti li kienet ġiet imsejħa b'urġenza.

4.9.38 Is-Sur Chircop qara l-ittra li kienet ippreżentata. Liema ittra qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti bħala 'Dokument B'.

4.9.39 Is-Sur Chircop talab sabiex titkompla l-laqgħa.

4.9.40 Dott. Sciberras qal kif f'isem is-Sindki nazzjonalista li kienu preżenti għal din il-laqgħa jħossu li qabel ma tiġi attwata l-mozzjoni b'mod serju u ssir pressjoni b'mod serju, huma mgħandhomx ikomplu bil-laqgħa u għal din ir-raġuni hu nforma li ser ikunu qed joħorġu minn din il-laqgħa.

4.9.41 Peress li l-laqgħa spiċċat bla kworum, il-membri preżenti flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għamlu għaxar minuti jistennew u peress li l-laqgħat baqgħet bla kworum, il-laqgħa ġiet sospiża mingħajr għeluq.

Konfermati, illum it-Tnejn 24 ta' Marzu, 2025.

| | |
|---|---|
| Anthony Chircop | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Dokument A

**Mozzjoni favur id-demokrazija fil-Kunsill Lokali tal-Għargħur**

**Data:** 19 ta' Mejju 2025

**Suġġett:** Ħtif antidemokratiku tat-tmexxija tal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Għargħur

**Premessi:**

1. Wara dak li ġara, kontra kull sens ta' ġustizzja u disrispett totali lejn il-vot demokratiku tar-residenti tal-Għargħur, bil-ħatra ta' Mariah Meli bħala Sindku li ma tirrapreżentax il-maġġoranza tal-voti fil-lokalita;
2. Wara li nhar l-Erbgħa 14 ta' Mejju 2025, tressqet mozzjoni ta' sfiduċja fis-sindku elett mill-poplu b'mod demokratiku, s-Sinjura Helen Gauci, f'liema elezzjoni il-Partit Nazzjonalista (li s-Sinj. Gauci tifforma parti minnu) gab 62% tal-voti kollha fl-elezzjoni ta' Gunju 2024, u li tali mozzjoni ta' sfiducja kienet tinkludi allegazzjonijiet, mingħajr ebda provi;

**Għalhekk, dan ir-Regjun tal-Lvant għandu:**

1. jikkundanna b'mod totali l-agir anti-demokratiku kif il-membri tal-kunsill lokali tal-Partit Laburista flimkien mal-kunsilliera indipendenti gabu ruħhom u ħatfu it-tmexxija tal-Kunsill tal-Għargħur;

2. Joħroġ stqarrija pubblika ta' kundanna għal dak li seħħ fil-Għargħur fl'aħħar ġranet u għal mod kif il-Partit Laburista li fil-Għargħur immanuvra li b'minoranza ta' 38% jaħtaf it-tmexxija tal-Kunsill;

3: Jirringrazzja lill-Ex Sindku tal-Għargħur Helen Gauci, għall-ħidma tagħha b'risq il-lokalita u bħala membru ta' dan ir-regjun tal-Lvant;

4: Jappella lill-Gvern sabiex jirrispetta l-vot tal-poplu Għarawri hekk kif espress fl-elezzjoni lokali li nzammet f'Gunju 2024 u fiċ-ċirkostanzi jsejjaħ elezzjoni lokali mmedjatament sabiex ir-residenti ta' Ħal-Għargħur jesprimu x-xewqa tagħhom dwar min iridu jmexxi l-lokal tagħhom;

Dan kollu b'rispett sħiħ lejn id-demokrazija li mhux biss għandna nipprittkaw imma nipprattikaw.

**Proponent:** ________ - Dorian Sciberras (Sindku Iklin)

**Sekondant :**

6672554
ANTHONY DALLI
SINDKU LIJA

CHARLES SELVAGGI MSIDA

Luke Vella
Kunsillier - Birkirkara

SINDKU SAN ĠILJAN

NOEL MUSCAT
SWIEQI LC

JOHN PILLOW
SINDKU SLIEMA

'Dokument B'

30 ta' Mejju 2025

Għażiża Segretarju Ezekuttiv,

Nixtiequ nuru d-disapprovazzjoni tagħna dwar l-għażla li ssir laqgħa b'urgenza f'ġurnata li individwalment konna diġa ġbidna l-attenzjoni li ma nistgħux nattendu għaliha. Ilkoll nafu li f'din il-laqgħa ser tigi diskussa mozzjoni b'motivazzjoni politika u minkejja dan, filwaqt li kien magħruf li ma nistgħux nattendu, ġiet imħabbra xorta bla konsultazzjoni u kunsiderazzjoni, tant li tista' tinftiehem li qisna aħna ma nixtiequx nattendu. Xi ħaga li żgur mhux il-każ, għaliex aħna tajna d-disponibilita` tagħna fi granet oħra.

Madanakollu, nibqgħu insostnu li ma għandniex nidħlu f'materji interni ta' kunsilli oħra u wisq iktar li ma nippoliticiżżawx il-ħidma li ssir fi ħdan ir-reġjun. Dejjem ħdimna hekk, b'ċertu sintonija u armonija, u għaldaqstant din l-istess armonija u sintonija beħsiebna nżommuha u għal dan il-fatt ma nistgħux nappoġjaw mozzjoni li hija ppjanata biex tinstiga firda u toħloq partiġġjaniżmu, u minflok għandna niffukaw flimkien l-enerġija lura fuq il-ħidma reġjonali.

Grazzi.

Mariah Meli

Sindku Gharghur

Neville Chetcuti

Sindku Gzira

Dr Kaylon Zammit

Sindku Pembroke

Stefano Savo

Sindku Pieta`

Max Zammit

Sindku Ta' Xbiex